# *KLIEM U GĦIDUT IT-TFAL*

(*Studju Folkloristiku ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(*Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 176-178*)

*BAMBU.* Żarbun. Skond Caruana *żarbuna* hija *bamba.*

*BAMBIN.* Knisja. Tfisser ukoll *kull ħaġa qaddisa,* kif ukoll *qassis.* Tisma' lill-ommijiet igħidu liż-żgħar tagħhom "Imxi mmorru Bambin."

*BANNOZZI.* Ċapċip t'idejn it-tarbija. Dil-kelma aktarx tismagħha meta jibdew iqammsuha u jgħidulha "Agħmel bannozzi". L-iktar li nafuha f'din it-taqbila ħafifa li tgħid hekk :

"Banni, bannozzi,
Ġej it-tata ġej,
Bil-pastizzi tal-ħabbtej'
Kollox għal... (isem it-tarbija li tkun)
W għal... (isem ieħor) xejn." (1)

*BABU.* Tifel żgħir, vavu (q.v.) Caruana jfisser dil-kelma hekk : "*bimbo, bambino; usasi più comunemente in senso di piccino semplice, imbecille, Għadek babu;* Wied Babu. *nome di una valle in Malta. Cangia più spesso la b in v e fa vavu femminile vava; ez. Ara l-vavu, għandna vava*". (p. 73). Għal bniedem sempliċi aktarx ingħidu *babbu.* (qb. Taljan *babbeo*).

*BANU BANU.* Milli jidher ħadd ma jagħti dil-kelma ħlief De Soldanis, li jfissirha hekk : "*Voce infantile colla quale la genitrice o balia fa star zitti i bambinelli lattanti che appena sanno muovere le mani con intimorirli ponendovi la mano di sopra minacciante*" (p. 39).

---

(1) Qabbel magħhom dawn il-versi Sqallin, meħudin mill-ktieb ta' L. Sorrento "*L'Isola del Sole*", stampat Milano (p. 369):—

"Manu manuzzi,
Pani e ficuzzi;
Veni lu tata,
Porta la mprua
'Nta la cannata
E nicuzzu s'imbriaca.
Ole'. (Palermo).

*BAR BAR*. Harġa, passiġġata. Hekk tismagħhom igħidu: "Nieħdok bar bar".

*BAŻIŻA*. Sabiħa. Bħal *bażiżu* u *bażużlu* din il-kelma De Soldanis ifissirha: "*si dice a soli fanciullini (o fanciulline)*" u skond Vassalli "*si dice per carezze ai ragazzi ed altri animali domestici.*"

*BEJJAH*. Taqsira tal-kelma *sbejjaħ*, bil-waqgħa ta' l-ewwel radikali *s*, li għat-trabi tqila biex titlissen ma' konsonanti oħra. Tisma' "Bejħa l-vava".

*BEJKI*. Diminutiv, jew, aħjar, vezzeġġjativ ta' *beka*, bħal ma għandna *mejxi* (q.v.) minn *mexa*.

*BEJŻU*. Kelma li llum għadha tingħata bħala laqam. Caruana jfissirha hekk: "*ragazzo grosso e corpacciuto; animale grosso di corpo e assai pingue*" (p. 91).

*BIMBI*. Xorb, imma aktarx *inbid*.

*BOBBA*. Libsa. Flok *bobba* Caruana (p. 207) jagħti *ġobba* u jfissirha hekk: "*vesticina. Ara l-vava bil-ġobba*". Jista' jkun li *bobba* hija ġejja minn *ġobba*, bil-bidla ta' l-ewwel *ġ* f'*b* imħabba li t-tfal iħobbu jtennu l-ħsejjes.

*BUMBU*. Tixrob. Lit-trabi tismagħhom igħidulhom "Ejja nagħtik tbumbu."

*BUPPA*. Waqgħa. Meta jaqgħu lit-tfal igħidulhom "Bup-pa", u biex ma jiġrux u jaqgħu igħidulhom "Ara tagħmel bup-pa."

*ĊAKLEMBUTA PATEJTU'*. Kliem li jgħidu lit-trabi waqt li jqammsuhom biex jagħtuhom gost. De Soldanis ifissirha hekk: "*modo di parlare alli bambini da genitori per farli star allegramente o per farli saltar ballando*" (p. 79).

*ĊEJĊA*. Helu. Vassalli jfissirha "*cosa dolce e piacevole sp. ai bambini*", u De Soldanis igħid li "*ogni cosa piccola da mangiarsi adatta a bambini così vien chiamata particolarmente quando è dolce. E' verosimilissimo che diviene dalla voce che usano l'Italiani 'ciccia' pe' quali vale 'carne' così detto per lezzi dalle madri o balie per accomodarsi così all'imperfetto favellare dei bambini; in questa senso sareb-*

*be voce così comune ed universale come 'mamma', 'pappa', 'tata' e molte altre simili*''. (p. 79).

*ĊEKKUN*. De Soldanis biss jagħti dil-kelma li huwa jfisser bħala l-isem ta' tarbija ''*appena principia a profferire la prima voce*''. Ta' min isemmi li dil-kelma għandha l-istess radikali bħal *ċkejken*, mnejn noħorġu wkoll il-kelma *ċkejkuna* li biha nuru wkoll it-trabi meta jkunu żgħar.

*ĊIĊĊI*. Oqgħod bil-qiegħda. Tisma' ''Ċiċċi hawn! Ċiċċi qiegħda.''

*ĊUFFA* (*ċuffi*). Baħar; tinħasel jew tgħum. Meta jkunu sa jaħsluhom lit-trabi l-ommijiet igħidulhom ''Ejja nagħmillek ċuffa.''

(*Fadal*)